MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 131/1995/2

**Lawrence u Carmelina sive Carmen konjugi Farrugia**

**vs**

**(1) Emanuel u Gladys konjugi Grima; u**
**(2) Jonathan Cross**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi fit-tlettax (13) ta’ Awissu 1993 fi Triq Bordin kantuniera ma’ Triq l-Ursolini, l-Imsida, il-konvenuti Emanuel Grima u Jonathan Cross, jew min minnhom, minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-

regolamenti, ikkagunaw hsara fil-vettura tal-atturi Volkswagen Polo Gox numru U-3637;

Illi dana l-incident awtomobilistiku gara meta l-vettura Yugo numru J-1619 misjuqa mill-konvenut Jonathan Cross habtet mal-vettura tal-atturi li kienet parkeggjata, u dan l-agir tal-konvenut Emanuel Grima li kien hiereg bil-vettura Peugeot numru F-0360 minn Triq l-Ursolini sabiex idur ghal go Triq Bordin, b'mod illi l-konvenut Jonathan Cross, biex jevita li jahbat mal-konvenut Emanuel Grima, baqa' diehel fil-vettura tal-atturi (ara l-okkorrenza u l-i"sketch" hawn annessi bhala Dokument "A" u "B");

Illi ghalhekk il-konvenuti Emanuel Grima u Jonathan Cross jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

Illi d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-imsemmi incident jammontaw ghal tmien mija u tlieta u sittin lira Maltin, wiehed u tletin centezmu u disa' millezmi (Lm863.31,9), kif jidher mill-kont hawn anness bhala Dokument "C";

Illi ghalkemm gew interpellati sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu il-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Qorti m' ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuti Emanuel Grima u Jonathan Cross jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur b' rizultat tal-incident awtomobilistiku fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni kagjonati fl-ammont ta' tmien mija u tlieta u sittin lira maltin, wiehed u tletin centezmu u disa' millezmi (Lm863.31,9) jew f'ammont verjuri;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas tad-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fit-tmienja (8) ta’ Marzu 1994, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali msemmija kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;
Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jonathan Cross fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx bi htija tal-esponent, li ma jirrispondix ghad-danni;

Illi fi proceduri kriminali rigwardanti dan il-kaz, l-esponent ma giex misjub hati;

Illi l-incident gara unikament minhabba illi Emanuel Grima kien hiereg bil-vettura Peugeot numru F-0360 minn Triq Ursolini li hija “One way”, u ghalhekk l-esponent ghamel din il-manuvra biex jevita l-vettura misjuqa minn Emanuel Grima;

Illi l-incident kien jigi evitat li kieku l-vettur Volkswagen Polo Fox numru U-3637 tal-atturi, ma kienitx wieqfa pparkjata b’mod ta’ “double parking”;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Jonathan Cross debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Grima fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tal-eccipjenti, izda b’tort unikament tal-konvenut l-iehor Jonathan Cross minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Jonathan Cross kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Emanuel Grima debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;
Rat l-affidavit ta' Charles Cauchi li gie presentat mill-atturi;

Semghet ix-xhud prodott mill-atturi;

Semghet lill-konvenut Emanuel Grima;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsiidrat:

L-atturi jippremettu li fit-tlettax (13) ta' Awissu 1993 fi Triq Bordin kantuniera ma' Triq l-Ursolini, l-Imsida, sehh incident stradali li fih kien hemm involuti l-konvenuti Emanuel Grima u Jonathan Cross u dawn ikkagunaw hsara fil-vettura tal-atturi tal-marka Volkswagen Polo Fox numru ta' registrazzjoni U-3637;

L-atturi jkomplu jippremettu li dan l-incident sehh meta l-vettura Yugo numru ta registrazzjoni J-1619 misjuqa mill-konvenut Jonathan Cross habtet mal-imsemmija vettura tal-atturi li kienet parkeggjata. Li gara hu li l-konvenut l-iehor Emanuel Grima kien hiereg bil-vettura Peugeot numru ta' registrazzjoni F-0360 minn Triq l-Ursolini sabiex idur ghal go Triq Bordin u l-imsemmi konvenut Cross biex jevita li jahbat mal-konvenut l-iehor baqa' diehel fil-vettura tal-atturi. Ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident in kwestjoni. Jippremettu ukoll li d-danni minnhom sofferti bhala konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal tmien mija u tlieta u sittin lira maltin, wiehed u tletin centezmu u disa' millezmi (Lm863.31,9). Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu dikjarati responsabbli ghall-imsemmija danni, li jigu likwidati dawn id-danni fl-ammont ta' tmien mija u tlieta u sittin lira maltin, wiehed u tletin centezmu u disa' millezmi (Lm863.31,9) jew f'ammont

verjuri u li l-konvenuti, jew min minnhom jigu kundannati jhallsu d-danni hekk likwidati;

Il-konvenut Jonathan Cross qed jeccepixxi li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx bi htija tieghu. Jeccepixxi ukoll li l-incident gara unikament minhabba li l-konvenut l-iehor Grima li kien hiereg minn Triq Ursolini li hija “one way” u ghalhekk huwa ghamel manuvra biex jevita l-istess vettura misjuqa mill-konvenut l-iehor Emanuel Grima. Finalment jeccepixxi li l-incident seta gie evitat kieku l-vettura tal-atturi ma kienitx wieqfa “double parked”;

Il-konvenut Emanuel Grima qed jeccepixxi li l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tieghu izda b’tort unikament tal-konvenut l-iehor Jonathan Cross;

Mill-provi prodotti jirrizulta li fit-13 ta’ Awissu 1993 sehh incident stradali fi Triq Bordin kantuniera ma’ Triq l-Ursolini, l-Imsida. Involuti f’dan l-incident kien hemm il-vettura tal-atturi tal-marka Volkswagen Polo Fox numru ta registrazzjoni U-3637, li, fil-hin tal-habta, kienet “double parked”, il-vettura tal-marka Yugo numru ta registrazjoni J-1619 misjuqa mill-konvenut Jonathan Cross u l-vettura tal-marka Peugeot numru ta registrazzjoni F-0360 li kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut l-iehor Emanuel Grima. Il-konvenut  Grima kien hiereg bl-imsemmija vettura tieghu minn Triq l-Ursolini sabiex idur ghal go Triq Bordin filwaqt li l-konvenut l-iehor Jonathan Cross kien ghaddej bl-imsemmija vettura tieghu appuntu fi Triq Bordin. Jidher li l-konvenut Cross ittanta jevita li jahbat mal-konvenut l-iehor Emanuel Grima pero meta ghamel hekk l-istess konvenut Cross baqa’ diehel fl-imsemmija vettura tal-atturi;

L-ufficjal tal-pulizija li nvestiga din il-kollizzjoni fost affarijiet ohra qal li kien irrizultalu li l-vettura tal-atturi kienet “double parked.” Kien irrizultalu ukoll li l-konvenut Grima kien hiereg minn triq li kienet “one way” u ghalhekk irrizultalu li l-istess konvenut Grima kien qed isuq il-vettura tieghu kontra l-“one way”;

Difatti l-konvenut Emanuel Grima jammetti li hu kien qed isuq kontra l-“one way” pero’ jghid li kien qed jghamel hekk ghaliex kien hemm incident stradali aktar il-fuq u it-traffiku kollu kien ghaddej kontra il-one-way. F’dan ir-rigward il-konvenut Grima, pero’, naqas li jipproduci provi ohra oggettivi li setghu kkonfermaw li kienet sehhet kollizzjoni ohra u ghalhekk kien kostrett li jsuq kontra il-“one way”;

Il-konvenut Grima jkompli jghid li meta wasal ghall-inkrocju in kwestjoni huwa waqaf biex jispezzjona jekk kienx gej traffiku. Huwa ra l-karozza misjuqa mill-konvenut Cross gejja f’Bordin Street nizla b'velocita pjuttost qawwija. Dejjem skond l-istess konvenut Grima, il-konvenut Cross baqa ghaddej fid-dritt u baqa diehel fil-karozza tal-atturi li kienet “double parked”. Huwa kkalkola li l-ewwel darba li ra l-vettura misjuqa mill-konvenut Cross din kienet il-boghod xi mitejn metru. Huwa qal li ma lahaqx kiser ghal gewwa Bordin Street peress li jista jkun li kien hemm xi hadd qed jaqsam it-triq f’Bordin Street;

F’dan kollu l-konvenut Grima mhux affidabbli u ghalhekk mhux kredibbli. Gia gie stabbilit li l-konvenut Grima kien qed isuq kontra l-“one way” u hu aktar verosimili ukoll li meta wasal ghall-inkrocju in kwestjoni huwa baqa hiereg u sporga fl-istess inkrocju tant li gieghel lill-konvenut Cross jghamel manuvra biex jevitah u b’hekk l-istess konvenut Cross baqa diehel fil-vettura tal-atturi. In effett il-konvenut Grima jirrakkonta li seta kien hemm xi hadd qed jaqsam it-triq u ghalhekk huwa ma lehaqx dar ghall-gewwa l-istess triq. F’dan il-konvenut Grima zgur li mhux konvincenti, tant li din ic-cirkostanza huwa ma rrakontahhix a tempo vergine lill-ufficjal tal-pulizija li kien qed jinvestiga l-kollizzjoni;

Fid-dawl ta’ dan kollu l-konvenut Grima ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal-kollizzjoni in kwestjoni. Difatti jirrizulta li l-istess konvenut Grima kien qed isuq kontra l-one way u ghalhekk zgur li l-konvenut l-iehor

Cross ma kienx qed jistenna li jkun hemm traffiku hiereg minn fejn effettivament hareg l-istess konvenut Grima. Inoltre jidher li l-istess konvenut sporga fl-inkrocju in kwestjoni tant li gieghel lill-konvenut Cross jghamel manuvra biex jevitah u b'hekk dan tal-ahhar baqa diehel fil-vettur tal-atturi. Ma jirrizultax li l-konvenut kien ghaddej b'velocita' eccessiva u ghalhekk ma tirrizulta ebda responsabilita da parti tal-konvenut Cross;

Hu minnu li jirrizulta li l-vettura tal-atturi kienet "double parked". Difatti s-sewwieq tal-vettura tal-atturi, certu Charles Cauchi, qal li fil-gurnata in kwestjoni huwa kien qed jghamel konsenja f'hanut gewwa Bordin Street kantuniera ma Ursuline Sisters Street. Huwa jammetti li waqaf "double parked" u dana peress li ma kienx hemm fejn wiehed jipparkja, peress li ma kienx ser idum hafna u peress li t-triq hemmhekk hi wiesgha bizzejjed. Huwa qal ukoll li waqaf vicin hafna tal-karozza ohra li kienet hemm parkeggjata. Zgur, pero', li ma jirrizultax li l-incident sehh peress li l-vettura tal-atturi kienet parkeggjata kif fuq indikat. Din zgur li ma kinitx il-kawza tal-incident in kwestjoni;

Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni jirrizulta sufficjentement pruvat li dawn jammontaw komplessivament ghas-somma pretiza mill-atturi cioe' tmien mija u tlieta u sittin lira maltin, wiehed u tletin centezmu u disa' millezmi (Lm863.31,9);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tal-atturi pero' biss fil-konfront tal-konvenuti Grima u tiddikjara li l-istess konvenuti konjugi Grima huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-incident awtomobilistiku in kwestjoni u tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' tmien mija u tlieta u sittin lira maltin, wiehed u tletin centezmu u disa' millezmi (Lm863.31,9) u tikkundanna lill-konvenuti konjugi Grima jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' Lm863.31,9 in

linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Cross;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti Grima bl-eccezzjoni ta’ dawk tal-konvenut Cross li ghandhom jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------